

V

(Avviżi)

**PROCÉDURI GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż tal-iskadenza imminent ta' ċerti miżuri tal-antidumping

(2013/C 136/10)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009⁽¹⁾ dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea tavża li, sakemm ma titnediex analiżi skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri tal-antidumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub biex isir rieżami. Din it-talba trid tħinkludi bizzżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal biex jitkomplew jew ifeġġu mill-ġdid id-dumping u d-dannu.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tanalizza l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad tingħatalhom l-opportunità li jisħqu, jiċħdu jew jikkumentaw dwar il-materji msemmija fit-talba għar-revijon.

3. Limitu ta' żmien

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal analiżi abbażi ta' dan ta' hawn fuq, li għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (Unità H-1), N-105 8/20, 1049 Brussell, Belgium⁽²⁾ (The European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), N-105 4/92, 1049 Brussels, Belgium) fì kwalunkwe żmien wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż iżda mhux aktar tard minn tliet xħur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data tal-iskadenza ⁽¹⁾
Ċerti tubi u pajpijet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux liga	Il-Belarus, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Russja, it-Tajlandja, l-Ukraïna	Dazju antidumping	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1256/2008 (ĠU L 343, 19.12.2008, p. 1)	20.12.2013

⁽¹⁾ Il-miżura tiskadi f'nofsilleyl tal-ġurnata msemmija f'din il-kolonna.

⁽¹⁾ (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

⁽²⁾ Fax +32 22956505.